



Kunsill Ewropew

Brussell, 24 ta' Frar 2022  
(OR. en)

EUCO 18/22

CO EUR 16  
CONCL 3

#### NOTA

---

|          |                                                                                  |
|----------|----------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                 |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                 |
| Suġġett: | Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (24 ta' Frar 2022)<br>– Konklużjonijiet |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew**

**dwar l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna**

1. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-NU u qed iddghajef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li dan jinkludi d-dritt tal-Ukrajna li tagħżel id-destin tagħha stess. Ir-Russja għorr ir-responsabbiltà sħiħa għal dan l-att ta' aggressjoni u l-qerda u t-telf ta' ħajjiet kollha li ser jikkawża. Ser tinżamm responsabbli għall-azzjonijiet tagħha.
2. Il-Kunsill Ewropew jesiġi li r-Russja twaqqaf immedjatament l-azzjonijiet militari tagħha, tirtira mingħajr kondizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollu mit-territorju sħiħ tal-Ukrajna u tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranietà u l-indipendenza tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Russja u lill-formazzjonijiet armati appoġġati mir-Russja biex jirrispettaw id-dritt umanitarju internazzjonali u jwaqqfu l-kampanja tagħhom ta' diżinformazzjoni u attakki ċibernetiċi.
3. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora t-telf traġiku ta' ħajjiet u t-tbatija umana kkawżati mill-aggressjoni Russa. Huwa jinsab f'solidarjetà man-nisa, l-irġiel u t-tfal li ħajjithom intlaqtet minn dan l-attakk mhux ġustifikat u mhux ġustifikabbli. Huwa jappella lir-Russja u lill-formazzjonijiet armati appoġġati mir-Russja biex jippermettu aċċess u assistenza umanitarji sikuri u mingħajr xkiel lill-persuni kollha fil-bżonn.
4. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa wkoll l-involviment tal-Belarussja f'din l-aggressjoni kontra l-Ukrajna u jappellalha biex toqgħod lura minn tali azzjoni u biex tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha.

5. L-UE rreaġixxiet malajr u b'mod deċiżiv għar-rikonoxximent mir-Russja tal-entitajiet separatisti awtoproklamati tal-Ukrajna u l-iskjerament tal-forzi armati tagħha billi adottat miżuri restrittivi b'rispons għal dan. Il-Kunsill Ewropew illum jaqbel dwar aktar miżuri restrittivi li ser jimponu konsegwenzi massivi u severi fuq ir-Russja għall-azzjoni tagħha, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab u l-alleati tagħna. Dawn is-sanzjonijiet ikopru s-settur finanzjarju, is-setturi tal-enerġija u t-trasport, l-oġġetti b'użu doppju kif ukoll il-kontroll tal-esportazzjoni u l-finanzjament għall-esportazzjoni, il-politika dwar il-viżi, l-ejenkar addizzjonali ta' individwi Russi u kriterji ġodda ta' ejenkar. Il-Kunsill ser jadotta mingħajr dewmien il-proposti mħejjija mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli.
6. Il-Kunsill Ewropew jappella għat-tnejjja u l-adozzjoni urġenti ta' pakkett ta' sanzjonijiet individwali u ekonomiċi ulterjuri li ser ikopri wkoll lill-Belarussja.
7. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sod tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Huwa jappella lill-pajjiżi kollha biex ma jirrikonoxxux iż-żewġ entitajiet separatisti awtoproklamati u biex dawn ma jiġux iffaċilitati jew mogħtija xi għajnuna.
8. L-UE tinsab magħquda fis-solidarjetà tagħha mal-Ukrajna u ser tkompli tappoġġa lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha flimkien mas-sħab internazzjonali tagħha, inkluż permezz ta' appoġġ politiku, finanzjarju, umanitarju u loġistiku addizzjonali u konferenza internazzjonali tad-donaturi. Wara d-deċiżjoni ta' Diċembru 2016 mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE, il-Kunsill Ewropew jagħraf l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tal-Ukrajna, kif iddikjarat fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
9. Il-Kunsill Ewropew jemmen bis-sħiħ li l-użu tal-forza u l-koerċizzjoni biex jinbidlu l-fruntieri fl-Ewropa ma għandux lok fis-seklu 21. It-tensjonijiet u l-kunflitti għandhom jiġu solvuti esklużivament permezz tad-djalogu u d-diplomazija. L-UE ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-ġirien u ttenni l-appoġġ sod u l-impenn tagħha għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Georgia u tar-Repubblika tal-Moldova. Hija ser tkompli koordinazzjoni b'saħħitha mas-sħab u l-alleati, fi ħdan in-NU, l-OSKE, in-NATO u l-G7.

10. Il-Kunsill Ewropew jappella biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma fuq l-istat ta' tħejjija u l-livell ta' tlestija fil-livelli kollha u jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tressaq miżuri ta' kontinġenza, inkluż dwar l-enerġija.
  11. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi l-kwistjoni.
-